# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tas-26 ta' April, 2023

PC/VAT/4991
Reg. No.: MT 2008-9725

**Il-Pulizija**
**(Spettur S Magri)**
**vs**

**Dean Gera**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kontra l-imputat, **Dean Gera**, detentur tal-karta tal-identità numru 413185M, u residenti 86, Triq Tat-Teatru l-Antik, Valletta, Malta:

Talli waqt spezzjoni b'sorpriża li seħħet fl-10 ta' Diċembru 2020 ġewwa Dean Gera Hair Salon, Main Street Shopping Complex, Paola, Malta, irriżulta li jew hu bhala direttur u ghan-nom u/jew in rapprezentanza ta' Dean Gera Hair Care Limited (C50758) jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħek, naqas li jagħti jew jipproduċi riċevuta fiskali permezz ta' *cash register fiskali* jew kotba ta' riċevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond il-kumpens lilu mħallas għal dik il-provvista, u dan bi

ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Semghet ix-xhieda viva voce ta' Nathalie Farrugia, Jonathan Fenech, Fabienne Chetcuti u Dean Gera.

Rat u ezaminat l-atti kollha u d-dikjarazzjonijiet li saru mill-Partijiet waqt is-smiegh tat-13 ta' Lulju 2022.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw.

IKKUNSIDRAT:

Xehdet bil-gurament **Nathalie Farrugia** qalet li nhar l-10 ta' Dicembru 2020 kienet saret spezzjoni fis-Salon ta' Dean Gera Main Street Rahal Gdid. Fl-ispezzjoni irrizulta li r-ricevuti fiskali li kienu qieghdin jinghataw lill-klijenti ma kienux fiskali u li maghhom kienu riedu jaghtu lill-klijienti r-ricevuta l-griza mahruga mid-Dipartiment. Ix-xhud qalet li "… *meta tkun computerized irid ikollok EXO number jekk ma jkollox EXO number tkun mill-cash register normali … u hekk issa din ma kinitx minnhom mill-cash register pero' lanqas ircevuta kompjuterizzata mid-Dipartiment li jinghata l-EXO number*." Saret verifika tal-appuntamenti li kellhom dak inhar. Talbu lill-persuna li kienet qieghda fis-salon dak in-nhar biex tohrog ir-ricevuti u taghmel ricevuta fiskali. In sostenn ta' dan ix-xhud ipprezentat ir-ricevuti "il-hziena" u dik fiskali li din l-Onorabbli Qorti mmarkat bhala dokumenti bl-ittri B u E. In kontro-ezami, ix-xhud qalet li ma kienx hemm cash register izda "... *kien hemm il-kotba*." Hija ma ftakritx jekk kienx hemm EXO number abbinat man-numru tal-VAT. Murija estratt mill-appointment book, ix-xhud ikkonfermat li l-ghadd tal-bejgh totali ingibet fuq li kien hemm fl-appointment book. Hija kkonfermat ukoll li f'dak il-perijodu tal-ispezzjoni kien ghad hemm il-mizuri tal-Covid-19.

Fix-xiehda maħlufa tiegħu, **Jonathan Fenech** qal li nhar l-10 ta' Dicembru 2020 kienu wettqu spezzjoni fl-istabbiliment Man Street Shopping Complex f'Rahal Gdid. Huma dahlu f'Dean Gera Salon li jinstab fl-istess kumpless u sabu hemm lis-sinjorina Fabian Chetcuti. Ix-xhud qal li rrizulta li kienu qed jinhargu ricevuti li ma kinux fiskali "… *ghax la kienu minn gol-cash register u lanqas minn gol-ktieb milli johrog id-dipartiment*."Ix-xhud qal li peress li n-negozju kien jaghti servizz ma kienx hemm l-obbligu li jkollu cash register izda "… *li jkollu kotba tal-ircevuti fiskali*." Ix-xhud qal li "*Bdew johorgu ricevuti mhux fiskali … ghax skont*

*hawnhekk ma kellux exemption number… Igifieri ikun number ta' permess li d-dipartiment jaghti biex ikun jistghu johorgu minn Sistema kompjuterizzata biex iserrhu li compliant mal-ligi*." Ix-xhud irrefera ghal Dokument bl-ittra "E" in atti u fisser lil din il-Qorti li dik kienet ir-ricevuta fiskali li l-ufficjali tal-VAT kienu qalu lil Ms Chetcuti tohrog mill-ktieb "*…l-ircevuta b'total l-ammont totali ta' servizzi li saru f'dik il-gurnata meta saret l-ispezzjoni.*" Waqt il-ontro-ezami, x-xhud kien gie muri d-Dokument bl-ittra E u qal li n-numru tal-VAT kien jidher fuq id-dokument izda ma kienx hemm l-exception number.

Fabian Chetcuti xehdet li hija kienet impjegata ma d-ditta Dean Gera fis-salon ta' main Street, Rahal Gdid. Waqt zjara minn zewg spetturi, hija ntlabet tohrog end-of-day u summary biex tohrog ricevuta. Hija qalet li "*dak il-hin bil-fixkla flok ghamilt print receipt ghamilt show invoice u hrigtilhom l-invoice minflok.*" Meta hargitilhom l-invoice, l-ispetturi qalilha li ma kienx hemm exception number. Imbaghad talbuha l-ktieb tal-VAT u tikteb "*it-totali tal-gurnata peress li kienu minghalihom li m'ahniex nohorgu receipts ikun xorta hareg fil-ktieb tal-VAT.*" Wara li li fissret li l-impjegati jircievu paga u commission qalet li ghall-impjegat kien ta' interess li tinhareg ricevuta fiskali ghax meta tinhareg ricevuta tinhadem il-commission dovuta lill-impjegat. In-negozju kien jahdem b'sistema ta' appuntamenti u mhux walk-ins. Ix-xhud kienet giet murija d-Dokument FC 1 u kkonfermat li dak id-dokument kien juri l-appuntament ta' dik il-gurnata partikoli. Kien hemm sitt (6) klijenti b'kollox u l-hlas minnhom kollha sar permezz tal-credit card. Il-klijenti hadu r-ricevuti "… *kif riedu jew jekk riedu by email baghtnijielhom by email jew ipprintjajnilhom ukoll.*" Hija kkonfermat li fuq dawk ir-ricevuti hemm l-EXO number 20006 flimkien man-numru tal-VAT. Fil-kontro-ezami taghha, ix-xhud regghet fissret kif bil-fixkla mill-hafna options li kellha s-sistema kompjuterizzata ghafset ghal invoice. Ix-xhud gharfet "*l-ircevuta li hadu l-klijenti.*"

Dean Gera xehed li huwa Managing Director tal-Kumpannija. Huwa sar jaf x'gara nhar l-10 ta' Dicembru 2020 meta cempillu impjegat li jiehu hsieb l-operations. Huwa kien gie infurmat li kienu marru l-ufficjali tal-VAT Department jaghmlu spezzjoni u sabu li ma kienx hemm EXO number fuq ir-ricevuta. Huwa fisser x'sistema tintuza fil-hanut: "… *meta tigi klijenta biex thallas jew cash jew credit card bhalissa we're trying pushin on credit card because of Covid and all that a receipt is formally given out straight away there's no option of going for invoice or not invoice when a client comes in it's just close the bill and once the bill is*

*closed and obviously a fiscal receipt is sent via email unless the client wants a printed receipt out.*" Meta ma jkollhomx is-servizz tal-elettriku johorgu hard copy tar-ricevuta. Ix-xhud qal li "*dak in-nhar l-ircevuti kollha hargu fiskali bl-EXO number*." Ix-xhud stqarr li d-ditta tieghu tidher li se thallas id-doppju tal-VAT dovut peress li l-ispetturi obbligaw lill-impjegata tohrog ricevuta fiskali ohra fi tmiem il-gurnata. Huwa fisser kif jithallsu l-impjegati u li s-sistema tikkalkula l-commission li ghandhom jithallsu fl-ahhar tax-xahar. Huwa enfasizza li kull klijent jinghata ricevuta fiskali. B'referenza ghad-dokumenti FC2, FC3, FC4, FC5, FC6, u FC7, ix-xhud qal li dawk jirrapprezentaw kopji tar-ricevuti li kienu nhargu fil-gurnata de quo.

IKKUNSIDRAT:

F'din il-kawza l-Imputat ġie mixli li naqas li jagħti bhala direttur ta' Dean Gera Hair Care Limited naqas li jaghti jew jipproduci ricevuti fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Din il-Qorti semghet viva voce kif l-ispettur tad-Dipartiment koncernat ghamlu spezzjoni ghall-gharrieda fis-salon Dean Gera li jinsab f'Main Street, Rahal Gdid. Fix-xiehda taghhom l-ispetturi ma qalux jekk fil-hin tal-ispezzjoni kienx hemm xi hadd mill-klijenti li isimhom jidher fil-lista ta' appuntament li tinsab in atti. Peress li skont ma qalu l-Ispetturi fix-xiehda viva voce taghhom ma kellhomx isibu cash register peress li n-negozju de quo kien wiehed li joffri s-servizzi, huma talbu li jaraw ir-ricevuti. L-impjegata, u cioè, Fabian Chetcuti hargitilhom sett "ricevuti" mis-sistema komputerizzata. Fil-fehma tal-Ispetturi dawk ir-ricevuti ma kienux jghaddu bhala ricevuti fiskali peress li kellhom nieqes in-numru tal-ezenzzjoni (EXO) u li fil-fehma taghhom, li kieku ma' dawk ir-"ricevuti" li kienu raw u nghataw kien hemm ukoll il-hrug tar-ricevuti mill-ktieb tar-ricevuti fiskali mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi, ma kinux jinhargu l-akkuzi de quo f'dan il-kaz.

L-Imputat u l-impjegata li nzertat kienet il-persuna li maghha tkellmu l-Ispetturi taw il-verzjonijiet taghhom. L-Imputat xehed dwar is-sistema komputerizzata li ghandu fil-hanut li malli jsir il-hlas jinghalq il-kont u tinhareg ir-ricevuta fiskali. Il-hlasijiet li kienu saru f'dik il-gurnata

partikolari meta saret l-ispezzjoni saru permezz ta' credit card specjalment minhabba li kien il-perijodu tal-pandemija u kien jehtieg li jittiehdu il-prekawzzjonijiet. Ix-xhud Fabian Chetcuti qalet li bil-fixkla li kellha fuqha meta kellmuha l-ufficjali mid-dipartiment tal-VAT mis-sistema komputerizzata tan-negozju harget kopji ta' fatturi minflok il-kopji tar-ricevuti fiskali li fuqhom hemm in-numru tal-ezenzzjoni (EXO). Kopji ta' dawn il-fatturi u r-ricevuti fiskali jinsabu in atti. Gie imfisser lil din il-Qorti li s-sistema hi u tohrog ir-ricevuta fiskali tikkalkula wkoll il-commission dovuta lill-impjegat li jinzerta jkun ta s-servizz ghan-nom tad-ditta. Ghalhekk, skont dawn ix-xiehda hu dejjem fl-interess taghhom li tinhareg ir-ricevuta fiskali li fil-bicca 'l kbir tinghata lill-klijenti permezz ta' email.

Din il-Qorti jindhrilha li l-Ispetturi setghu saqsew u gabru aktar informazzjoni dwar is-sistema operata f'dak in-negozju partikolari u b'hekk ma kinux jaslu ghall-konkluzjoni li waslu ghaliha. Dan jirrizulta minn dak li xehdu viva voce u minn ezami tad-dokumentazzjoni li pprezentaw. Filwaqt li wiehed mill-ispetturi jistqarr li n-negozju de quo ma kellux cash register, minn ezami tar-rapport tal-ispezzjoni (Dokument "D") taht it-titolu "Notes" gie rrapurtat erroneament li "Fiscal Receipt from Cash Register is not fiscal", meta fiscal register ma kienx hemm. L-istess jinghad f'Section B li n-negozju kien obligat li jkollu fiscal cash register (Ara paragrafi 1, 2, u 4 ta' Section B, tal-Spot-check Inspection Sheet). Skont il-paragrafu 7 ta' Section B tal-istess rapport, l-Ispetturi rrapurtaw erronjament li ghan-negozju ma kien japplika l-approved Computer System. Fil-fatt, irrizulta li mhux talli ma kellu il-htiega ta' cash register izda n-negozju kellu installat an Approved Computer System li mill-kopji tar-ricevuti fiskali rrizulta li fuqhom hemm l-EXO number. Li kieku ghamlu l-verifiki sewwa u stabbilixxew li hemm an approved computer system u n-negozju kellu d-debita awtorizzazzjoni u l-EXO number, ma kienux inizzlu li fil-hanut ma kienx hemm Sales / Purchases books / ledgers (paragrafu 9 taht Section B) – tant hu hekk li mis-sistema computerizzata l-impjegata nizzlet u stampat **<u>bi zball</u>** print-out li l-impjegata sejhet fatturi u li fuqhom kien hemm id-dettalji kollha tas-servizz inkluz isem il-klijent. Peress li dawn il-"fatturi" jammontaw ghal estratt mill-account tal-klijent partikolari zgur li ma kellekx tara fuqhom l-EXO number. Dan in-numru tal-ahhar issibu biss fuq ir-ricevuta fiskali liema ricevuta mhux biss hemm breakdown tal-ammont izda wkoll deskrizzjoni

tal-pagament li jkun sar, taht il-kolonna “myPOS”. (Ara Dokument FC 2 sa FC7 in atti).

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ispjegazzjoni dwar x’kien gara, moghtija mill-Imputat innifsu u x-xhieda tal-impjegata tieghu li kienet prezenti meta saret l-ispezzjoni, hija verosimili u gustifikata.

Ghaldaqstant, in vista ta’ dak kollu hawn fuq elenkat, din il-Qorti ma tistax issib htija fl-Imputat u sejra tilliberah mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, peress li ma hemmx il-livell ta’ provi kif rikjesti fil-kamp kriminali, l-Imputat qieghed jigi misjub mhux hati tal-akkuza miġjuba kontra tiegħu u din l-Onorabbli Qorti qieghda tilliberah minnha.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**